C/2025/872

6.2.2025

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Kawża M.11890 – POLARIS MANAGEMENT / CSFI)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2025/872)

1. Fl-24 ta' Jannar 2025, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Polaris Management A/S ("Polaris Management") (id-Danimarka), proprjetà ta' Polaris Equity ("Polaris") (id-Danimarka),

— Core Sustainability Fund I K/S ("CSFI") (id-Danimarka), ikkontrollat minn-Core Sustainability Capital A/S ("CSC") (id-Danimarka).

Polaris Management se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tat-totalità ta' CSFI.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz ta' Ftehim ta' Trasferiment ta' Negozju, li permezz tiegħu Polaris Management se tissostitwixxi lil CSC bħala l-maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv ta' CSFI.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Polaris Management: Polaris Equity tinvesti fi u tipprovdi kapital lil kumpaniji ta' daqs medju stabbiliti sew fil-pajjiżi Nordiċi. Bħala maniġer ta' fond ta' investiment alternattiv, Polaris Management timmaniġġja b'mod attiv l-investimenti f' 27 kumpanija tal-portafoll fit-tliet strateġiji ta' investiment tagħha: Polaris Private Equity, Polaris Flexible Capital, u Polaris Public Equity,

— CSFI huwa fond ta' investiment alternattiv stabbilit fl-2022 b'Velliv, Pension & ampLivsforsikring A/S li għandu 99,9 % tal-interessi ta' sħubija limitata f'CSF1 u stabbilit biex jippromwovi l-iżvilupp sostenibbli permezz ta' investiment u self lil kumpaniji Nordiċi fi ħdan l-ottimizzazzjoni tal-enerġija rinnovabbli u tal-enerġija, l-effiċjenza fir-riżorsi u l-bilanċ soċjali. CSFI għandha investimenti ta' ekwità minoritarji f'żewġ kumpaniji; Scanmetals A/S, li hija attiva fl-Ewropa tal-Punent fl-irkupru tal-metalli mill-irmied tal-qiegħ tal-inċineratur, u Hoyer International ApS, fornitur ta' muturi elettriċi ta' prestazzjoni għolja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' koċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11890 – POLARIS MANAGEMENT / CSFI

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (Ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Indirizz elettroniku: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË